# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru erbgħa (4) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 14 ta' Mejju, 2013 fil-Bini Amministrattiv tal-KLM fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deptutat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-KLM skuża lil Paul Spiteri li ma kienx magħna għaliex jinsab imsiefer filwaqt li laqa' l-emendi tiegħu għall-minuti preċedenti minbarra dik f'paragrafu 17 li inqata' u kien rikostruwit dak il-ħin stess. Il-kunsillieri għaddew diversi emendi għall-minuti. Charlene Zammit ipproponiet illi l-kunsillieri jibdew jużaw il-*word editor* u jagħtu l-emendi tal-minuti minn qabel lil xulxin. F'dan il-punt is-Sindku qal li kollox qed jitħejja sabiex il-Kunsilli Lokali jibdew jaddottaw is-sistema tal-*live streaming* tal-laqgħat tagħhom, liema spiża aktarx tlaħħaq mal-€2,500 u se jassorbiha l-Gvern Ċentrali.

**PUNTI MILL-MINUTI.**

3. Dwar id-data tal-ħarġa t'Għawdex, Grace Marie Mallia qalet li din tbiddlet mit-22 għat-28 ta' Mejju minħabba li fit-22 ta l' istess xahar, kien hemm attivita' oħra organizzata mill-Kunsill Skolastiku. Inċidentalment din ħabtet ukoll mad-data tal-laqgħa antiċipata tal-KLM li fiha kienu se jinfetħu l-kwotazzjonijiet u l-offerta pubblika tal-perit. Għaldaqstant, l-offerta pubblika u l-kwotazzjonijiet se jinfetħu wara d-data tat-28 ta' Mejju.

4. Dwar ir-ritratt tal-ġurament tal-ħatra fejn fih ma jidhirx Paul Spiteri, is-Sindku issuġġerixxa li jittieħed ritratt ieħor fejn jidhru l-kunsillieri kollha li ser iservu f'din il-leġislatura. Il-kunsillieri filwaqt li jaqblu illi għandu jittieħed ritratt ieħor se jsibu okkażjoni tajba fejn fiha jkun jista' jittieħed mingħajr ma noqgħodu ninqalgħu apposta għalhekk.

5. Dwar it-trasport pubbliku tfasslet emenda biex it-trasport pubbliku jerga' jibda jgħaddi minn Triq Sta Katerina (li aktar tard kienet approvata). Is-Sindku qal li filwaqt li lestejna l-ittra, madankollu għadna ma bagħtnihiex. Is-sindku qal li jikkonferma dak li qed ikun propost u wera ritratti minn fuq it-telefon ċellulari tiegħu bit-trasport pubbliku joħloq *traffic jam* fl-inħawi ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Michel Farrugia saħaq illi l-KLM irid jagħfas fuq it-Triq tas-Siġġiewi li qiegħda fil-konfini tal-Qrendi, sabiex ix-xufiera li jkunu sejrin jew ġejjin miż-Żurrieq saħansitra jevitaw l-Imqabba. Nicholas Briffa qal li fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, viċin il-ground tal-football qed ikun hemm ħafna tfal jaqsmu għall-ġnien u wkoll fil-Pjazza tal-Knisja hemm problema għaliex id-dritta hi għal min ikun tiela minn quddiem il-Każin tal-Ġilju għal Triq id-Duluri. Hu sostna illi l-Arriva qed imorru *wrong side* biex iduru kemm fi Triq id-9 t'April, fi Triq il-Qattara, fi Triq il-Barrieri u fil-by-pass.

6. Kienet diskussa l-problema tal-bandli u s-Sindku qal li hu bagħat *e-mail* lis-Segretarju Parlamentari u tkellem mas-Sur Michael Cohen (Konsulent fis-Segretarjat) dwar l-iskema li kien ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DLG). Dan qallu li jidher li d-DLG m'għandhomx flus biex isostnu l-iskema. Hawn is-Sindku qal illi se naraw il-Fond għat-Titjib Urban kemm akkumula filwaqt li biex napplikaw għalih, irid ikollna l-firma tal-perit li l-offerta

tiegħu hija preżentement miftuħa. Hawn Charlene Zammit qalet illi rridu nippruvaw nittappjaw l-ERDF funds billi napplikaw għalihom u semmiet li l-GAL Xlokk ħarġu applikazzjonijiet I*mproving children's lifestyle*. Sadanittant, Nicholas Briffa qal illi kemm hu kif ukoll is-SE iltaqgħu ma *JGC play Equipment* u qed nippjanaw li nixtru *item* tal-logħob waħda li imbgħad nutilizzawha wkoll aktar 'il quddiem. Hawn is-SE qal li trid toħroġ offerta pubblika għaliex dan jiswa minn €3,000 sa €10,000-il biċċa. Is-Sindku qal li xorta irridu noħorġu ammont ta' flus mill-allokazzjoni finanzjarja tal-KLM. F'dan il-punt inħass li rridu ninfurmaw lill-pubbliku permezz tal-fuljett bil-prijoritajiet tal-bandli u l-problema ta' fondi li għandna bl-allokazzjoni tagħna.

7. Nicholas Briffa qal illi mill-informazzjoni li għandu, l-Awtorita' tad-Djar ħarġet kwotazzjoni/offerta pubbliku dwar tiswijiet tas-sistema tad-drenaġġ fil-*Housing Estate* ta' Binja Ħarriġiet u dawn issa jinsabu fil-fażi ta' aġġudikazzjoni.

8. Is-Sindku qal li hu u s-SE kellhom laqgħa ma Luke Genuis tad-direttorat tal-Immaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan *Transport Malta* u dan baqa' jinsisti li aħjar l-Arriva tibqa' tgħaddi minn Triq il-Madonna tal-Ġilju flok minn Triq Sta Katerina. Hawn Michel Farrugia qal illi hemm bżonn li ssir xi ħaġa fil-pjazza kantuniera ma Triq il-Madonna tal-Ġilju biex inaqqsu l-*ispeed* u fl-istess ħin il-*pedestrians* jevitaw l-ilma tax-xita.

9. Fl-istess laqgħa li kellhom is-Sindku u s-SE ma' uffiċjali tad-Direttorat għall-Immaniġjar tat-traffiku fi ħdan *Transport Malta* ġiet diskussa l-proposta tal-KLM fiz-zona tal-iskola. Luke Genuis u Charles Muscat qalulna li din il-proposta tagħmel sens, u għalhekk se nippruvaw nagħtuha prova qabel tagħlaq l-iskola għal vakanzi tas-sajf. Madankollu huma qalu li rridu nagħmlu laqgħa mal-ġenituri kif ukoll mas-Supritendent li minn naħa tiegħu wiegħed lis-Sindku verbalment illi se jgħinna fit-treġija tat-traffiku. Dwar id-diffikulta' x'jista' jiġri jekk ma jitfaċċax il-pulizija, Charlene Zammit qalet li nistgħu nippruvaw nikkommettu lill-uffiċjali ta' *Transport Malta*, mentri Nicholas Briffa qal li nistgħu immexxu bil-ħaddiema tal-IPSL/CWS. Hu sostna illi madankollu l-aktar problema li għandna, hija l-konvinċiment tal-ġenituri.

10. Luke Genuis, qal illi TM se tkun qed tara li tenforza fuq il-Kunsill Lokali dwar il-miżuri li ttieħdu matul is-snin li m'humiex *up to standard* mar-regoli tat-traffiku. Fosthom, is-*sleeping policemen* tal-lastiku li qal li dawn mhux tajbin għaliex huma qosra wisq. F'dan il-punt kien propost illi l-*bus shelter* ta' Triq tas-Sejba jerġa' jinqala u jitpoġġa fi Triq il-Qrendi, filwaqt illi jsir *double yellow line* fuq iż-żewġ naħat tat-triq viċin il-*Convenience shop* fi Triq Sta Katerina. Grace Marie Mallia qalet illi madankollu fl-istess triq għandu jsir *bus stop* bħalma kien hemm qabel, viċin Triq il-Pal.

11. Is-Sindku qal illi bdiet issir il-manutenzjoni fl-Isqaq tan-Nar u se nkunu qed naraw sabiex it-talbiet għal żewġ mirja fl-istess sqaq u oħra fi Triq il-Parroċċa quddiem Sqaq Nru 4, jitwaħħlu mingħajr dewmien.

12. Kien hemm talba urġenti sabiex jitneħħa kelb mgħarraq fil-ġibjun tal-*By-Pass*. Hawn is-SE qal illi dan ħadd ma jrid ineħħihulna, la s-*Civil Protection*, la l-*Public Cleansing Department*, la d-Dipartiment tas-Saħħa u lanqas tal-*Animal Welfare.* Wara, tlabna lill-kuntrattur tagħna is-Sur Joseph Zammit, li neħħieh minn ġol-ġibjun. Jekk se nibqgħu b'din il-problema se jkollna nbattlu l-ġibjun mill-ilma billi nutilizzawh għat-tisqija u fl-istess ħin dan jinxef biex jitħammel il-ħama li nġabar matul is-snin.

13. Is-Sindku ippropona illi pitgħada l-KLM se jkun qed jospita lill-Kumitat tal-każin tal-Ġilju fil-bini amministrattiv biex joffrilhom xi *drinks*. Is-SE qal illi hu ma jistax jattendi għaliex laħaq ikkommetta ruħu b'laqgħa oħra filwaqt li se jħejji l-affarijiet li hemm bżonn. Intant il-KLM għamlilhom erba' ħofor ġodda għall-antarjoli fi Triq Valletta u fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija,

viċin Paul Grech Ironmongery u issa s-Sindku qal li għandna talba għal tlieta oħra fosthom fi Triq il-Parroċċa u fuq il-Mentna fil-ħamrija.

14. Dwar il-laqgħa mar-residenti ta' Triq il-Qattara, is-sindku qal illi dawn qablu illi għandha togħla kważi l-bankina kollha u għaldaqstant hu se jipprova jġib stima minn għand Tony Zammit li ħadem mal-Kunsill qabel.

15. Nicholas Briffa semma' l-kumpanija *E-Travel Solutions* kif ukoll l-għajnuna li wiegħduna l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu permezz tas-Sur Oliver Farrugia biex il-KLM ikun jista' jattira turiżmu lejn l-lokalita' tal-Imqabba. F'dan il-każ is-Sur Oliver Farrugia semma' li diġa' tkellem mal-presidenti taż-żewġ każini tal-banda dwar id-dettalji ta' dan il-pjan u se nippruvaw ukoll ninvolvu lill-każin tal-Futbol. Is-Sindku qal li jinħtieġ illi jinħoloq grupp folkloristiku bl-għajnuna tal-allievi tal-baned taż-żewġ każini u se nippruvaw inġibu l-ewwel grupp ta' turisti lejn l-aħħar ta' Mejju minkejja li għad irid jiġi deċiż liema hu l-każin li se jipparteċipa l-ewwel biex jospita t-turisti.

16. Is-Sindku semma' wkoll il-Festa Komunita' li jtellgħu kull sena l-Kulleġġ San Benedittu, Kirkop u wkoll il-parteċipazzjoni tal-istudenti mqabbin fiha. Hu qal li se jattendi għaliha kif ukoll ser jattendu hu u d-deputat Sindku fil-laqgħa tas-Sindki organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Madankollu nhar is-Sibt, 18 ta' Mejju, se tinżamm il-laqgħa annwali tar-reġjun ta' Nofsinhar li għaliha mistenni jattendi kulħadd.

17. Nicholas Briffa semma' iċ-ċensiment lokali li se nippruvaw ninawguraw fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss bl-iskop li nkunu nafu aktar dwar il-bżonnijiet tar-residenti tal-Imqabba f'dik li hija kura, għajnuna, benefiċċji soċjali, il-qasam soċjali u l-impjiegi. F'dan il-punt kien hemm diskussjoni fuq il-format tal-fuljett tal-kunsill dwar jekk dan għandux ikunipprintjat bil-kulur minn wara u quddiem, imbgħad il-messaġġi tal-kunsillieri fuq il-paġni ta' ġewwa *black and white*. Hawn Charlene Zammit qalet illi hija xtaqet li jitwaqqaf sotto kumitat biex il-proposti jkunu ta' kwalita' aħjar, li fih ikun hemm per eżempju Aaron Briffa, id-diżinjatur tal-faċċata fost il-membri. Hawn ma qablux magħha s-sindku u Grace Marie Mallia għaliex qalu li hu propju l-KLM nnifsu li għandu jiddeċiedi x'hemm bżonn isir. Is-SE kien mitlub sabiex iġib kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett minn għand Veritas Press, filwaqt li Charlene Zammit qalet li għandha ssir stedina għaż-żgħażagħ bl-etajiet addattati fl-istess ħarġa għall-*Youth Council* kif ukoll għall-korsijiet fejn hi tat dettalji illi Ms Charmaine Chetcuti tal-ETC lesta li tgħin fit-twaqqif ta' korsijiet per eżempju tal-*plumbing*, fil-lingwi tal-malti, l-ingliż u t-taljan. Is-Sindku qal li fil-*plumbing* jidħol l-element tal-materjal li jintuża waqt il-kors li jkun irid jinxtara, li hu ta' problema finanzjarja għall-KLM filwaqt li hu, minflok, ippropona kors fl-*ispecial effects for film making, crafts, clay sculpting, u Egg Creation* u l-*fabric manipulation* fejn kellu għall-wiri żewġ *cushions* matul il-laqgħa. Hu qal li madankollu hija prijorita' illi titwaqqaf akkademja tal-arti, ż-żfin, id-drama, it-tpenġija u l-iskultura.

18. Nicholas Briffa aġġorna lill-KLM biż-żabra tas-siġar li qed issir fi Triq Valletta. Hawn kien qed ikollhom problema b'vetturi għoljin bħal dawk li jkunu qed iġorru d-dgħajjes mill-imħażen, lejn ix-xtut mis-sidien li għandhom post għalihom sabiex fix-xitwa jħalluhom fl-inħawi tar-Robba. Peress li l-mina hija baxxa, dawn bil-fors ikollhom jgħaddu lejn Triq tas-Sejba u għalhekk kienu qed jinqabdu hawn ġew.

**AGENDA**

19. Dwar il-preparamenti għall-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, is-Sindku semma' l-laqgħa li kellu flimkien mas-SE u mal-kuntrattur tal-gwardjani lokali. F'din il-laqgħa mal-kumpanija *Guard and Warden House*, issemmew it-tibdil fir-rotot temporanji għat-traffiku lejlet u nhar il-festa, fejn fost l-oħrajn spikka li biex il-gwardjan joqgħod fi Triq Ħal Kirkop, wara nżul ix-xemx ma jistax jitħalla waħdu (spiża addizzjonali għall-KLM). Is-SE qal li qed jitħejjew il-permessi tal-gabbani tal-festa filwaqt li SE ma kienx tal-parir li ssir l-ebda laqgħa għas-sidien tal-gabbani

ġaladarba se nkunu qed nallokaw l-istess postijiet bħal dawk tas-sena l-oħra. Il-kunsillier Grace Marie Mallia fakkret sabiex nagħmlu l-ordni għal bukkett ward quddiem il-vara u t-*token* li jingħata lill-kumitat waqt il-kunċert strumentali annwali.

20. Grace Marie Mallia talbet lill-KLM sabiex jissewwa l-*flushing* li hemm fil-latrina pubblika għas-spejjeż tal-KLM (mhux tal-kuntrattur) u jinxtraw żewġ *hand wash dispensers* u wkoll żewġ *electric hand dryers.*

21. Is-Sindku ippropona sabiex jibdew jitbattlu r-*rubish bins* li għandna mferrxin mar-raħal kull jum, minn nies li mhux qiegħdin jaħdmu jekk hemm bżonn billi xahar tmur persuna u xahar tmur oħra għal €50 fix-xahar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu, kif ukoll kien hemm qbil sabiex persuna li mhux qed taħdem tqassam il-fuljett tal-KLM li se jġib l-isem *Leħen il-Kunsill.*

22. Fil-laqgħa li ġejja se nirrappurtaw dwar il-kuntrattur *Greenpak* li għandu fir-responsabbilita' tiegħu it-tbattil tal-konteniturі tal-*bring in sites* li s-Sindku qal li kienu qed ikunu mimlija għal diversi jiem speċjalment dik tal-Ħġieġ. Il-laqgħa se ssir għada filgħodu. Hawn issemma li tneħħa wkoll l-*bin on wheels* (tal-iskart organiku) li kien f'Misraħ il-Fidwa.

23. Dwar il-friegħi tas-siġar li xxebilku għat-triq minn propjeta' privata fi Triq il-Fjuri, il-KLM ħa l-inkarigu li jqaċċathom minn nofs ħalli jerġa jiftaħ it-triq filwaqt li ttieħdet id-deċiżjoni illi t-*timer* tal-lampi tal-fanali ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, jkun issettjat li jixgħal tul il-lejl kollu minħabba d-dlam li jkun hemm meta jintefa'.

24. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm filwaqt li dik li jmiss se ssir fl-istess ħin nhar is-27 ta' Mejju, 2013.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*04/06/2013 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |